MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Numru 344/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANN MARIE MICALLEF**
**VS**
**ANDREW MARTIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Martin ta’ 24 sena, iben David u Alexandra nee’ Saliba, imwieled Pieta’ nhar it-28 ta’ Awwissu 1984, residenti The Oasis, Flat No. 2, Telghet Birkirkara, San Giljan u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 419284(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar l-1 ta’ Jannar 2007, ghall-habta tal-Hamsa ta’ filghodu (5:00hrs), waqt li kien qieghed isuq vettura numru EAO 913 tal-ghamla Fiat, fi Triq it-Torri, Sliema,

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’

regolamenti involontarjament kkaguna hsara fuq vettura numru GMY 098 tal-ghamla Ford, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1, 164.69) ghad-dannu ta’ Joseph Galea u/jew persuni ohra;
2. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Timothy Diacono hekk kif iccertifikat Dr. Moira Grech M.D. tal-Isptar San Luqa;
3. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Neil Martin skond kif iccertifikat Dr. Roberta Callus M.D. tal-Isptar San Luqa u Joseph Galea.
4. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura numru EAO 913 tal-ghamla Fiat b’manjiera traskurata;
5. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura numru EAO 913 tal-ghamla Fiat b’manjiera perikoluza;
6. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura numru EAO 913 tal-ghamla Fiat b’velocita’ qawwija;
7. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura numru EAO 913 tal-ghamla Fiat qasam il-linja bajda kontinwa;

Il-prosekuzzjoni qieghda gentilment titlob sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra l-piena stabbilita, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti umilment mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma’dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli (a fol 205) elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-14 ta' Lulju 2010 (a fol 206) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-27 ta' Dicembru 2010;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tad-difiza tal-24 ta' Jannar tal-2011;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-ufficjal prosekutur l-Ispettur Ann Marie Micallef (a fol 9 et seq) ezebit dok AM, il-Fedina Penali, dok AM1 l-okkorrenza; AM2 l-iskizz; ic-certifikati medici dok AM3, AM4, AM5 rigward griehi gravi tal-uhud mill-passigieri u certifikat mediku tal-imputat ta' griehi ta' natura gravi dok. AM 6 u 7.

Spettur Fabian Fleri a fol 24 et seq xhed illi fl-1 ta' Jannar 2007 fl-4:30am waqt li kien isuq il-karozza f'Tower Road, Sliema, sejjer fid-direzzjoni lejn il-Fortizza, u meta kien vicin id-Diplomat Hotel, il-karozza Fiat Uno Sewda "qabzitni u baqghdt sejra". "Ftit wara nisma' hoss kbir qisu ta' habta…" u kif dar mal-kisra tas-Surfside – precizament hdejn Ta' Kolina Restaurant, sab l-istess Fiat Uno sewda fuq il-karregjata opposta, mahbuta head on go minibus li kienet sejra lejn San Giljan.

Spettur Fabian Fleri xhed illi kien hemm tlett minn nies fil-Fiat Punto u tnejn minhom bdew jokorbu bl-ugiegh izda li l-Ispettur Fleri ma ssugrax johroghom minhabba l-griehi gravi taghhom. Hu stqarr illi l-imputat, is-sewwieq tal-karozza, ghalkemm imwegga', irnexxielu johrog mill-karozza. L-Ispettur Fabian Fleri cempel lill-ambulanza u Civil Protection u kien dawn li hargu z-zewg passigieri.

Spettur Fleri xhed illi meta hareg l-imputat mill-karozza, innota flixkun “qisu tal-vodka” mal-art fir-rokna u xamm riha ta’ xorb fuq l-imputat meta ghinu johrog mill-karozza (a fol 26).

SM 513 Anthony Gerada fol 28 et seq xhed illi huwa acceda ghal dan it-*traffic accident* hu sab il-minibus GMY 098 u l-Fiat Punto EAO 913 mahbutin *head on* fuq il-*lane* li taghti minn tas-Sliema lejn San Giljan.

Gerada xhed li s-sewwieq tal-minibus Joseph Galea qallu li waqt li kien fi triqtu, sejjer lejn San Giljan, ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta, taqbez ghal fuq il-*lane* tieghu. Galea waqqaf il-minivan tieghu izda l-karozza baqghet diehel *head on* fuqu.

Andrew Martin stqarr illi ghal xi raguni li ma jistghax jispjega, mar ghal fuq il-karreggjata l-ohra u baqa’ diehel gol-minibus. F’dan l-incident wegghu Neil Martin u Timothy Diacono li kien qieghed fil-periklu tal-mewt. Kemm Neil kif ukoll Andrew Martin garbu griehi ta’ natura gravi waqt li sewwieq tal-minibus sofra griehi ta’ natura hafifa.

SM Gerada xhed li peress li s-sewwieq kellu riha ta’ xorb fuqu, gab il-*breathalyser* fuq il-post izda din ghal xi raguni ma setghetx taghti kampjun tan-nifs.

Illi Gerada sab flixkun vodka fil-karozza fuq in-naha tal-passigier ta’ quddiem. Mistoqsi MS Gerada xhed li ma kien hemm ebda *break marks* mal-art. SM Gerada kkonferma l-iskizz u l-okkorrenza AM 1 u AM 2.

Il-Process verbal gie ezebit dok. MF.

Joseph Galea  a fol 33 et seq. xhed illi huwa xufier mal-Wembly Garage u dak in-nhar tal-incident kien fuq  Ford Transit, sejjer minn Sliema lejn San Giljan:

**“F’daqqa wahda nara karozza gejja tiskidja hekk minn wara, giet in-naha tieghi, f’daqqa wahda ddritta u habat go fiha” (a fol 34).**

Galea kien cert li l-karozza skidjat: **"Dazgur giet hekk la genba".** Galea xhed li hu kien kwazi waqqaf il-karozza meta sehh l-impatt.

A fol 35 Galea xhed li **l-art ma kienitx imxarba**. Galea kkonferma x-xhieda li ta' fl-inkjesta a fol 95 et seq.

F'din it-testimonjanza Galea stqarr illi s-sewwieq l-iehor kien ghaddej bi **"speed qawwi hafna".** Galea kkonferma a fol 37 illi huwa sofra griehi ta' natura hafifa.

Timothy Diacono a fol 38 et seq xhed illi kienu marru party TGIF f'New Years Eve u kif spicca l-party, huwa rikeb fil-karozza tal-imputat u marru sa Snoopy's Pub biex jigbru lil hu l-imputat u cioe' Neil Martin. F'dan il-mument l-imputat intebah li kien halla l-gakketta tieghu TGIF u regghu dawru sabiex jigbruha. **"The next thing I know, I was in hospital".**

Diacono xhed illi huwa garrab griehi f'rasu, ghamel tlett ijiem l-isptar, ikkonferma c-certifikat mediku dok. AM 5. Hu stqarr illi il-griehi f'rasu kienu jirrikjedu il-punti. Timothy Diacono xhed illi huwa kien ha xi ftit drinks ghaliex kien New Year Eve u kien qieghed fuq *JB (whisky) and Coke* u jikkalkula li ha xi ghaxar (10) *drinks*. Timothy xhed illi hu ma kienx jaf jekk l-imputat kienx xorob, ghaliex hu (Timothy) kien habib ta' hu l-imputat – Neil Martin.

**Timothy Diacono kkonferma x-xhieda tieghu fl-inkjesta (a fol 104 tal-Proces Verbal) u ddikjara li ma kien qed jippretendi xejn minghand l-imputat u li kien ghalieh ma kienu jigu inizjati ebda proceduri kriminali kontra l-imputat (a fol 142).**

Neil Martin a fol 44 et seq iddikjara illi huwa hu l-imputat u li kien attenda New Year's Eve party TGIF tas-Sliema u li kien xorob - ma jiftakarx kemm izda jaf li kien "a bit drunk". Hu xhed li ma jiftakar xejn mill-incident minhabba l-griehi li sofra. L-ex-spettur Romina Veneziani (52) ikkonfermat r-rapport (a fol 25 tal-PV) kollizzjoni bejn karozza GMY 098 u EAO 913 u li nsegwitu ssejhet inkjesta.

Joseph Bonello ( a fol 54 et seq) kkonferma li l-minibus GMY 098 kienet tal-Wembly li garbet hsarat konsiderevoli fl-impatt tant li kienet *total loss* izda ma setghet jaghti stima tal-valur intrinsiku tal-karozza.

Brian Farrugia (a fol 57 et seq) *legal officer* mal-ADT konferma li l-minibus GMY 098 kienet ta' Reginald Calleja u giet "scrapped" fil-21 ta' April 2008; il-karozza EAO 913 kienet registrata f'isem Andrew Martin u ezebixxa r-ricerki dok. BF a fol 61, 62.

A fol 63 Spettur Ann Marie Micallef xhedet illi hija ma kienitx involuta fl-investigazzjoni tal-kaz u giet assenjata il-kaz wara li Spettur Veneziani rtirat mill-Korp tal-Pulizija.

Dr Roberta Callus ikkonfermat certifikat dok AM4 a fol 20 u l-griehi ta' Neil Martin: cioe' kontuzzjoni fil-mohh ta' tnax –il millimetru li dehret fuq ***CT Scan*.**

Dr Moira Grech a fol 168 ikkonfermat li hija ezaminat kif Timothy Diacono fl-1 ta' Jannar 2007 fil-5:30am fl-Emergenza u kkonfermat certifikat mediku dok. AM 5 a fol 21. Hija kkonfermat li Diacono sofra mill-lacerazzjoni fil-wicc, f'forma ta' L, sitta b'erba' centimetri: kienet fuq in-naha ta' lemin tal-mohh u tinzel sa fuq il-kappell ta' ghajnejh u kellha tinhiet minn *plastic surgeon* taht *general anaesthetic*. ***CT Scan*** uriet li Diacono kellu tbengila u emoralgija fuq in-naha ta' wara tar-ras fuq in-naha tax-xellug – **u bhala konsegwenza, hija ccertifikat il-griehi bhala gravi b'possibilita' li jitlef hajtu.**

Julian Bonello a fol 178 ma kienx f'pozizzjoni jaghti l-valur tal-karozza li ezebixxa dok. XY *survey report*.

PS 1122 Arthur Rizzo kkonferma x-xhieda ta' Spettur Fleri li ezebixxa dok. PS l-okkorenza. Huwa xhed li ha hsieb jikkontrolla t-traffic.

PS1575 Robert Fava a fol (185 et seq) tal-assistenza tieghu biex jiddevja t-traffic wara l-incident.

Dr Patrick Farrugia  a fol 190 et seq kkonferma c-certifikat mediku ezebit a fol 19 u cioe’ griehi hfief fuq Joseph Galea.

Dr Edward Zammit a fol 192 rapprezentant ta’ Citadel Insurance kkonferma li l-minibus kienet assigurata ghas-somma ta’ tmien mitt Lira Maltija (LM 800) u li kien ghadhom ghaddejin in-negozjati.

L-imputat ghazel li ma jixhiedx u ma pproduca ebda xhieda ohra in difeza.

Ikkunsidrat:

L-imputat jinsab mixli kemm bi griehi gravi involontarji kif ukoll bi griehi ta’ natura hafifa, bi hsarat involontarji, sewqan perikoluz, traskurat, bi speed ecessiv bi ksur ta’ diversi regolamenti.

Illi mill-provi mresqa mill-prosekuzzjoni fil-kaz odjern, jirrizulta illi l-unici xhieda okkulari illi tefghu dawl fuq id-dinamika tal-kollizzjoni kienu l-minivan driver Joseph Galea li ra l-karozza tal-imputat “mixja la genba” bi speed qawwi sakemm habtet  go fih u l-ispettur Fleri, sewwieq tal-karozza li stqarr li l-imputat kien ghamel manuvra ta’ oltrapassar bi speed qawwi u rega’ dahal fil-*lane* tieghu. Dan qieghed jinghad l’ ghaliex il-passigier tal-karozza ta’ imputat allegatament minhabba l-griehi f’rashom ma kellhomx konoxxenza u ma setghux jirrikjamaw ebda memorja ta’ dan l-incident.

Minkejja dak li rriteniet id-difiza, u cioe’ li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz fl-interita tieghu u li din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq is-suppozizzjonijiet ghad-differenza ta’ fatti pprovati da parti tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tqis illi kien hemm xhieda okkulari kif ukoll xhieda forensika, *circumstantial evidence* u l-istqarrija tal-imputat, li flimkien jaghtu stampa cara ta’ kif sehh dan l-incident awtomobilistiku.

Illi l-Qorti f’dan l-istadju, issib illi dan il-kaz **ma jitrattax** ta’ sewwieq straxnat, f’sakra ma jarax art li qieghed il-hajja ta’

huh, il-hbieb intimi tieghu, u l-utilisti ohra tat-triq f'periklu manifest. Din il-Qorti temmen illi l-provi juri illi l-imputat kien inkarigat biex jigbor lil huh u lil shabu u jwassalhom sad-dar u ghalkemm il-Qorti temmen li l-imputat ha drink, considerando z-zmien ta' sena, temmen li kien responsabbli bizzejjed biex ma jeccedix il-limitu. Illi l-incident, kif jidher mir-relazzjoni tal-esperti gara l' ghaliex l-imputat induna illi halla warajh il-gakketta tieghu f'TGIF, dar u telaq jigri sabiex din il-gakketta ma tinsteraqx. Din il-Qorti tqis illi din kienet ir-raguni al oltrepassar tal-karozza tal-ispettur Fleri bi speed qawwi u ghal mod kif l-imputat innegozzja l-luwja kerha tal-faccata ta' Palace Hotel Sliema bi speed aktar gholi milli tippermetti luwja bhal dik. Kien hemm li l-imputat tilef il-kontrol tal-vettura tieghu u l-karozza spiccat "mixja la genba" sakemm dahlet fil-minivan ta' Galea. Dan huwa konfortat mir-relazzjoni tal-esperti fl-inkjesta li sabu t-triq xotta (a fol 123) nieqsa mill-*oil spills* u b'ebda difett inerenti fis-sistema tal-*brakes* tal-vettura tal-imputat. Din il-Qorti pero' ma tirravizzax fis-sewqan tal-imputat, dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz.

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Aldo Muscat**" [27.5.2004], jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.1959]; **Pul. vs. Wilson**, Vol.XXXIX p.1018 u **Pul. vs Alfred Vella**, Vol.XLIV; p.933] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.Krim. **Pul. vs Hardingham**, [19.10.1963]). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p.1018). "Recklessness" gie defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App.Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri**, Vol.XLIV, p.892). Issa fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqasijiet fis-sewqan tal-appellant fuq elenkati li jemergu, anki jekk tigi accettata l-verzjoni tieghu tal-fatt, aktar jinkwadraw ruhom taht il-forma ta' sewqan b'manjiera traskuratam bla hsieb u b'nuqqas t'osservanza*

*tar-regolamenti tat-traffiku milli ta' sewqan perikoluz, kif irriteniet li kien il-kaz l-Ewwel Qorti."*

Il-prosekuzzjoni mbaghad ghamlet accenn ghal flixkun vodka vojt li nstab fil-qiegh tal-karozza.

Din il-Qorti pero', fin-nuqqas ta' *breathalyser test*, fin-nuqqas ta' analizi tal-kampjun tad-demm tal-imputat li juri l-*alcohol level* tieghu dak il-hin, fin-nuqqas totali tal-*fingerprints* tal-imputat fuq il-flixkun u n-nuqqas ta' analizi tal-kontenut tal-flixkun, ma tista' taghti ebda piz probatorju lil dan il-fattur.

Il-Qorti imbaghad ezaminat bir-reqqa c-certifikati mahruga mit-tobba Dr Moira Grech u Dr Roberta Callus li ezaminaw il-griehi gravi taz-zghazugh Timothy Diacono u l-griehi ta' natura hafif fuq l-imputat Neil Martin u ta' Joseph Galea. Jirrizulta mill-atti processwali li dawn il-griehi gew ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u jrid jinghadd illi l-griehi f'wicc Timothy Diacono jaqghu fil-parametri tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,  l' ghaliex, kif setghet tikkonstata din il-Qorti, u kif jirrizulta mill-atti processwali, l-isfregu f'wicc Diacono huwa serju u permanenti.

Jirrizulta wkoll li kemm Neil Martin kif ukoll Timothy Diacono hafru lill-imputat u rrinunzjaw ghal dak kollu rrinunzjabbli u li kien ghalihom dawn il-proceduri qatt ma gew innizjati.

Il-Qorti taghraf illi certament dan ma kienx ikun l-animu taz-zghazagh koncernati, kemm -il darba l-kollizzjoni de quo sehhet minhabba sewqan perikoluz u addirittura *reckless* tal-imputat.

Illi ghal dak li jirrigwardja d-danni involontarji fuq il-minivan GMY 098 dawn gew sodisfacentement ipprovati permezz tax-xhieda okulari ta' Galea u testimonjanza dokumentari ezebita minn sid din il-minivan.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba, is-sitt u s-sebgha akkuza, tiddikjara li ghar-

rigward it-tielet akkuza l-procediment hu ezawrit waqt li ssibu mhux hati tal-hames akkuza u tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 88, 127 tal-Motor Vehicles Regulations Avviz Legali 128 ta' 1994, Artikolu 225 u 226 (1)(a)(c)(2), Artikolu 328(d), 533 tal-Kap 9 u Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal tmintax (18) –il xahar taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat. In oltre tikkundanna lill-imputat ihallas 500 Ewro (hames mitt Ewro) multa li ghandha tithallas b'rati mensili fi zmien sitt (6) xhur. Il-Qorti in oltre tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena. In oltre il-Qorti tordna li l-imputat ihallas il-perizji li gew ordnati matul din il-kompilazzjoni.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-Fedina Penali tal-imputat, l-età govanili tieghu, ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz u rrinunzja u l-mahfra pjena tal-passigieri tal-imputat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------